# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar L-Erbgha 11 ta' Jannar 2017**

**KawzaNumru : 16**

**RikorsNumru : 339/2007/JPG**

**Leonard Montebello (339454M),**
**Adrian Montebollo (374981M), u**
**Johnathan Montebello (219478M)**

**VS**

**Carmelo Schembri (244512M) u b'digriet tad-29 ta' Lulju 2010 l-atti ta' Carmelo Schembri gew trasfuzi f'isem uliedu Katarina Albani, u Joseph ahwa Schembri, Concetta Atanasio, Carmelo, Maria Caruana u Rose ukoll ahwa Schembri; b'digriet tad-29 ta' Marzu 2011 l-atti gew trasfuzi f'isem Grace Schembri stante l-mewt ta' Joseph Schembri; b'digriet tas-6 ta' Ottubru 2011 assumew l-atti Giselle Muscat, Louis Albani, Carmen Mizzi, Christopher Schembri u James Schembri; b'digriet tas-7 ta' Frar 2012 assumew, l-atti wkoll Maria Concetta Atanasio u Maria Caruana ahwa Schembri; u b'digriet tal-21 ta' Jannar 2015 l-atti ta' Concetta, Atanasio gew trasfuzi f'isem Joseph Atanasio stante l-mewt ta' Concetta Atanasio**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ta' Leonard Montebello, Adrian Montebello u Johnathan Montebello datat 26 ta' Marzu 2007, (a fol 1 et seq), li jaqra hekk:

1. *Illi Leonard Montebello u martu Rose nee Schembri, li mietet fit-12 ta' Gunju 2006, u iz-zewgt itfal, Adrian u Johnathan ahwa Montebello, hadu hsieb il-konvenut, mis-sena 1976 sas-sena 2006.*

2. *Illi Carmelo Schembri, ghex kontinwament fid-dar matrimonjali tar-rikorrenti ghal tletin sena, u tul dan iz-zmien huma pprovewlu ghal kull necessita li setgha jkollu, u anki hadulu hsieb l-propjeta kollha tieghu.*

3. *Illi ghal raguni mhux maghrufa lill-rikorrenti, f'Marzu 2006, il-konvenut gie mghieghel jitlaq mid-dar ta' bintu u l-famija taghha, minn uliedu l-ohra, u qata kull kommunikazzjoni maghhom.*

4. *Illi ftit xhur wara li gie mgieghel jitlaq mid-dar ta' bintu, dinha mietet, kagun l-inkwiet kbir li kienet qed issofri.*

5. *Illi dawn il-fatti r-rikorrenti jafuhom di xjenza propria.*

**B. Raguni ghat-Talbiet f'dawn il-Proceduri**

1. *Illi ta' dan, ir-rikorrenti, ma gewx ikkumpensati, peress illi minn mindu gie mgieghel jitlaq mid-dar tar-rikorrenti, l-konvenut ma wera ebda hsieb biex jikkumpenshom.*

2. *Illi r-rikorrenti u Rose Montebello illum mejta, interpellaw lill-konvenut biex jersaq ghall-likwidazzjoni w hlas ta' kumpens ghall-ghajnuna u l-assistenza resi kif fuq intqal, permess ta' ittra ufficjali datata ___ ta' Marzu 2006, izda huwa baqgha inadempjenti.*

**C. Talbiet Attrici**

*Ghalqastant ir-rikorrenti, in vista ta' dak kollu fuq premess u dak li jista jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, jitlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghall-hlas ta' kumpens lir-rikorrenti, ghal dak il-perijodu illi fih huwa ghex, u ifforma parti mill-familja tar-rikorrenti, u Rose Montebello waqt li dina kienet ghada hajja.*

2. *Tillikwida l-kumpens dovut ghall-istess ghajnuna u assistenza resi kif fuq intqal.*

3. *Tikkundanna lill-konvenut thallas lir-rikorrent dak il-kumpens li jigi hekk likwidat.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata ___ ta' Marzu 2006, u bl-imghax legali, kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, datata fit-13 ta' Awissu 2007, a fol 20 et seq;

1. *Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda peress illi kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza, l-atturi ma pprestaw ebda ghajnuna jew assistenza lil Carmelo Schembri;*

2. *Illi l-allegazzjonijiet maghmula mir-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

3. *Illi mhumiex minnu li l-esponent ghamel tletin (30) sena jghix fir-residenza matrimonjali tar-rikorrenti;*

4. *Illi tajjeb jinghad li r-rikorrent Leonard Montebello ghamel l-ewwel tmien (8) snin taz-zwieg tieghu jghix ma' martu fir-residenza ta' l-esponent, flimkien ma' uliedu r-rikorrenti Adrian Montenello u Jonathan Montebello, u dan a spejjez ta' l-Esponent li kien ihallas il-kontijiet kollha tad-dar. Dan minbarra l-ghoti ta' flus lir-rikorrent Leonard Montebello u martu sabiex jghinhom finanzjarjament waqt li kienu qeghdin jibnu r-residenza taghhom;*

5. *Illi sussegwentement ir-rikorrenti marru jghixu fir-residenza taghhom u aktar tard l-Esponent mar jghix fl-istess residenza u kien jikkontribwixxi parti sostanzjali mill-pensjoni ghall-ispejjez inkorsi;*

6. *Illi matul dan iz-zmien, minbarra l-ghoti lir-rikorrenti ta' parti mill-pensjoni, l-esponent kkumpensahom ukoll billi hallihom jaghmlu uzu, minghajr hlas, tal-proprjeta' mertu ta' din il-kawza, u dan sabiex jintuzaw bhala mahzen ghall-ghodda uzata mir-rikorrenti fix-xoghol taghhom u ghat-trobbija tal-fniek mill-istess rikorrenti;*

7. *Illi r-rikorrenti baqghu jaghmlu uzu mill-fond fi Triq Beland sa ftit xhur ilu, sahansitra anki wara li l-esponent, fil-5 ta' Marzu 2006, kellu jitlaq mir-residenza tar-rikorrenti, wara li dawn hebbew ghalih ghax riduh ihalli l-gid kollu tieghu lilhom;*

8. *Illi fil-fatt, l-istess rikorrenti ghadhom sallum jaghmlu uzu mill-garaxx imsemmi mir-rikorrenti fi Triq Kantun, Zejtun, sabiex izommu l-ghodda taghhom, u dan minghajr ebda hlas;*

9. *Illi mhuwiex minnu li r-rikorrenti pprovdew ghall kull necessita' ta' l-esponent jew hadu hsieb il-proprjeta' tieghu;*

10. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri*

Semghet ix-xhieda bil gurament;

Rat ir-risposta guramentata ulterjuri tal-konvenuti, a fol 245, awtorizzata minn din il-Qorti permezz tad-digriet taghha tat-8 ta' Ottubru 2014 (fol 235) li permezz taghha il-konvenuti eccepew il-preskrizzjoni ai termini tal-Art 2156(f) tal-Kap 16 tal ligijiet ta' Malta.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta datat 17 ta' Mejju 2010 li bih gie nominat il-Perit Legali Dr. Peter Fenech, in sostituzzjoni ta' u insegwitu tan-nomini ta' Dr. Josette Demicoli u Dr. Gulia Porttelli bhala Assistenti Gudizzjarji.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Peter Fenech minnu presentata u mahlufa fid-9 ta' Novembru 2015, a fol 270 et seq.

Rat in-nota bid-domandi in eskuzzjoni tal-attur datat 8 ta' Marzu 2016.

Rat ir-risposti tal-Perit Legali Dr. Peter Fenech datati 17 ta' Gunju 2016 a fol 322 et seq.

Rat in-nota ta' sottomissjoni tal-attur datata 12 ta' Frar 2014, a fol 208 et seq.

Rat in-nota ta' sottomissjoni tal-konvenut tal-14 ta' Mejju 2014, a fol 228 et seq.

Rat il-verbal tal-25 ta' Ottubru 2016 li bih l-avukati difensuri informaw lil-Qorti li ser jistrihu fuq in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi taghhom.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**Fl-affidavit tieghu a fol 7 et seq Jonathan Montebello** iddikjara li lil nannuh li Carmelo dejjem jiftakru jgħix fid-dar magħhom u li dejjem jiftakar lill-ġenituri tiegħu jduru bih, inkluż fit-tisjir, ħasil tal-ħwejjeġ u ħruġ u li saħansitra, ommu kienet tixtri ċertu affarijiet għalih biss, bħal tamal, qubbajt u ħelwa tat-tork. Jiftakar lil missieru jaqtagħlu xagħru u d-dwiefer, jaħsillu saqajh u jtih il-mediċina, fost affarijiet oħra. Nannuh kien iġib lil sħabu d-dar tagħhom u jordna lil omm Leonard x'iġġibilhom, u tgergir fuq hekk qatt ma kien hemm. Jgħid li meta kien ikollu bzonn xi tabib, sptar jew mediċina, mill-ewwel kienu jaqduħ u meta xjaħ, ġabulu wheelchair. Jiftakar li nannuħ kien irid kwiet perfett meta kien jisma' r-radju jew l-ahbarijiet jew meta kien jitla' f'kamartu u kien isabbat il-bastun u jgħajjat jekk jisma' xi ħoss. Jgħid li bhala pagament, ommu u missieru kienu jieħdu għaxar liri maltin fil-ġimgħa, li fl-ahhar saru ħmistax-il lira maltin fil-ġimgħa u n-nannu kien iħalli dawn il-flus fuq il-bank tal-kċina. Jgħid li dawn kienu ftit wisq biex ikopru l-ispejjeż kollha nkorsi minn ommu u missieru għaliħ. Jgħid li minkejja li nannuħ kien jgħix magħhom, il-posta tiegħu baqgħet tmur fid-dar antika tiegħu u għalhekk, missieru, ix-xhud

jew xi ħadd mit-tfal kien jitla' kuljum biex jiġborlu l-posta. Kienu jieħdu ħsieb ukoll iħallbu l-bjut, jiżbgħu il-bibien u affarijiet oħra tad-dar ta' Carmelo Schembri. Jgħid li dan kienu jagħmluh għax in-nannu magħhom kien jgħix u lilhom kien jgħid. Jgħid li bl-awtorizzazzjoni tan-nannu u għaliex id-dar ma kinitx qed tintuża, missieru u ħuħ kienu jkabbru l-fniek go dik id-dar u li dawn il-fniek mhux talli kien jaf bihom, iżda kien jiekol minnhom ukoll. Jgħid li f'dan l-aħħar zmien, ommu talbet xi kumpens lil nannuh ta' kull ma għamlet miegħu u hu ma ried itiha xejn. Jgħid li bl-inkwiet, lill-ommu spicca biex tefagħha fil-qabar.

**It-Tabib Joseph Psaila Savona** a fol 34 et seq xhed li ilu jaf lil-familja Montebello għal dawn l-aħħar għoxrin sena ċirċa u li ġieli għamel visti d-dar bħala t-tabib kuranti tal-familha tagħhom, u ġieli anke invisthom fil-klinika tiegħu. Jgħid li jaf li fid-dar kienu jgħixu Rose u Leonard Montebello flimkien mat-tfal tagħhom u Carmelo Montebello. Jaf li Carmelo kien raġel ta' ċerta eta' u għalhekk kellu bżonn l-assistenza, **u li kien miżmum pinna**. Jgħid li **waqt il-visti ma' Carmelo, il-familjari ma kinux jibqgħu preżenti iżda kienu joħorġu barra mil-kamra.** Jgħid li Carmelo qatt ma qallu li ma kienx kuntent fejn jinstab, anzi dejjem taħ l-impressjoni li kien għal qalbu u li saħansitra, kważi hu ma setax jgħid jekk hux hu li kien qiegħed joqgħod mat-tfal jew vice versa. Jiftakar ukoll li **l-post kien nadif u meta kien imur għal-visti, kien isib kollox ippreparat, inkluż il-mediċinali u dokumenti li jkollhom x'jaqsmu mal-każ.** Jgħid li jagħraf lil Leonard Montebello, r-rikorrenti, u li dan ġieli kien iwasslu għal-visti għandu. Jgħid li jaf lil wieħed mit-tfal ta' Carmelo, lil Giuzeppi Montebello. Jgħid li Giuzeppi qatt ma avvicinaħ għax kien inkwetat fuq kif kien qiegħed jinżamm missieru, għalkemm kien jarah u għalhekk kellu l-okkazjoni li jgħidlu kieku kien hemm xi ħaga tinkwetaħ. Jgħid li l-visti ta' Carmelo kienu jsiru bejn wiehed u ieħor kull xahrejn jew tliet xhur. Jgħid ukoll li la Leonard u lanqas Rose Montebello qatt ma avvicinawħ biex jgħidu kontra Carmelo. Jgħid li Carmelo, għalkemm fiżikament kellu l-limitazzjonijiet li ġġib magħha l-eta', mentalment kien f'saħħtu – ***he was totally there.*** Saħansitra, jgħid li jekk kien itiħ kura li biha ma kienx ifieq, kien jgħidlu. Jgħid li kien joqgħod f'parti minn *landing* fl-ewwel sular u kellu l-faċilitajiet kollha.

**Dun Anton Abela** a fol 43 et seq[1] xehed li jagħraf lir-rikorrenti għax kien iqarben lil missier il-mara tiegħu, li ilu jaf lil-familja Montebello sa mill-1985. Kien imur iqarben lil Karmnu

[1] Kopja tal-istess xhieda tinstab a fol 397 et seq

Schembri kważi kuljum fid-dar ta' Leonard Montebello u martu. Jgħid li meta kien imur iqarbnu, kienu joqogħdu fil-kċina jew fis-salott fejn kien ikun hemm ukoll uħud mill-membri tal-familja. Jgħid li **l-ambjent kien ta' familja normali, li l-ambjent kien nadif u anke Karmnu dejjem kien nadif u preżentabbli.** Jgħid li barra l-qrar, ġieli tkellem ma' Karmnu li ġieli qallu li kien hemm xi diżgwid bejn it-tfal tiegħu, pero qatt ma żvela x'kien dan id-diżgwid u hu qatt ma ħass li kellu jsaqsih. **Jgħid li fid-dar ta' Montebello kien jidher kuntent u mhux miżmum kontra qalbu**.

**Louis Marsh** a fol 45 et seq[2] xehed li ilu jaf lil Leonard Montebello sa minn ċkunitu u li jiġi ħatnu għaliex mizzewweġ lil oħtu. Jgħid li kien jaf ukoll lil Karmnu Schembri għaliex hu kien ġar tiegħu. Jgħid li jiftakar lil Karmnu anke meta ma kienx jgħix ma' Leonard u martu. Jgħid li hu kien għen lil Leonard Montebello fix-xogħol ta' kostruzzjoni fid-dar li kien bena u li Leonard kien dejjem jgħidlu li bil-mod kif bena d-dar, dejjem kellu l-ħsieb li jġib lil Karmnu jgħix miegħu u l-familja tiegħu. Jgħid li meta l-familja Montebello marru joqogħdu fid-dar il-ġdida, mill-ewwel kienu ħadu lil Karmnu joqgħod magħhom għax il-mara tiegħu kienet diġa' mietet u għalhekk ħaduh joqgħod magħhom. Jgħid li meta mar jgħix magħhom, Karmnu kien ilu żmien mhux ħazin li waqaf jaħdem. Jgħid ukoll li kien jiltaqa' ma' Karmnu meta kien jiltaqa' mal-familja Montebello, peress li ħafna drabi, kien ikun magħhom, u ħafna drabi kien jiltaqa' miegħu meta kien imur iżur il-kunjata, billi l-familja Montebello kienet izzurha wkoll u tieħdu magħha. Jgħid li gieli wkoll il-familja Montebello kienet tieħu lil Karmnu magħha biex tmur għandu stess. Isemmi okkazjoni ta' preċett, kien stieden ukoll lil Karmnu għax mingħajru, kien hemm riskju li lanqas biss jiġu. Jgħid li meta kien jarah, **Karmnu kien ikun dejjem nadif u miżmum tajjeb.** Jgħid li għalkemm id-dar ta' Leonard Montebello ma tantx kien imur, **id-drabi li mar dejjem raħ nadif, u anka kamartu nadifa kienet tkun**. Jgħid li sa fejn jaf hu, **ma kien hemm ħadd iktar idur b'Karmnu għajr Leonard Montebello u martu.**

Jgħid li ma jiftakarx li qatt kien hemm diżgwid bejn Karmnu u Leonard u martu, ħlief lejn l-aħħar ta' ħajtu meta sema' li Karmnu telaq mid-dar ta' Leonard, iżda ma jafx jekk dan tkecciex jew telaqx minn jeddu.

---

[2] Kopja tal-istess xhieda tinstab a fol 399 et seq

**Joseph Montebello** a fol 47 et seq xhed[3] li Karmnu Schembri jiġi missier il-mara ta' ħuħ Leonard. Jgħid li jaf li Karmnu kien ilu jgħix mal-familja Montebello għal xi sitta u ghoxrin (26) jew sebgha u ghoxrin (27) sena, għaliex dan kien daħal magħhom minn mindu daħlu fid-dar tagħhom. Jgħid li kien imur iżurhom ta' spiss u li Karmnu kien stmat bħala parti mil-familja. Jgħid li ġieli Leonard kien iqaxxar il-leħja ta' Karmnu meta ma setax hu u li l-ikel li kien jiekol Karmnu kien ikun bħal tal-kumplament tal-familja. **Jgħid li meta kienu joħorgu bil-karozza, Karmnu kien jirkeb quddiem, waqt li mart Leonard kienet tirkeb fuq wara**. Jgħid li meta Karmnu kien fil-wheelchair, ġieli kien jara lil mart Leonard ma' Karmnu ħdejn il-knisja ta' San Girgor, fejn qabel kien imur waħdu.

**Fl-affidavit taghha, a fol 378 et seq, Grace Schembri** ddikjarat li hi żżewġet lill Joseph Scembri bin Carmelo Schembri fl-1960. Tgħid li l-attur u martu fl-1976 marru jgħixu mal-kunjati tagħha għaliex huma ma kellhomx fejn joqgħodu. Dak iz-zmien il-kunjati tagħha kienu fiżikament b'saħħithom. Tgħid li l-kunjata Marianna mardet fl-1982 u l-aħwa kollha kienu jgħinuha, kellhom ġurnata kull wiehed biex jieħdu ħsiebha u anki jorqdu magħha. Ssostni li t-tqassim sar minħabba li r-rikorrenti, martu u l-kunjatu ried jdahhlu lill-Marianna ġewwa dar tax-xjuħ għaliex qalu li huma ma kienux jifilħu jduru biha. Tgħid li wara li mewt ta' Mariana, Leonard kien ppropona lill Carmelo li jsir kuntratt tal-kera biss dan wara li ddiskuta ma uliedu l-oħra ma kienx aċċettat. għalhekk tgħid li għal-dawk it-tmien snin l-konjuġi Leonard u Rose Schembri qatt ma ħallsu xejn.

Tgħid li Leonard mhux veru telaq mid-dar minħabba inkwiet li nqala bejn l-aħwa, telaq meta id-dar tagħhom kienet tlestiet. Meta telqu Carmelo baqa jgħix waħdu sakemm wara ftit xhur ċeda taħt pressjoni li hu jmur jgħix mal-familja tar-rikorrenti. Tgħid li baqa jmur ġo daru u jsajjar kuljum, kien jmur jorqod biss għandhom. Tgħid li skond ir-raġel tagħha Joseph, missieru Carmelo kien jinfurmaħ li hu kien jħallas ghall-affarijiet li kellu bżonn inkluż mediċini u anki kien jħallas tal-petrol. Lill Leonard u Rose Schembri hu kien anki jgħatihom xi flus mill-penzjoni tiegħu.

[3] Kopja tax-xhieda tinstab a fol 401 et seq

Tgħid li xi żmien wara, meta kienu jmorru jżuruħ kienu indunaw li l-attitudni tiegħu kienet qedgħa titbiddel. Kien qed jidher imdejjaq, biss ma kienx qed jgħid għaliex. Huma bdew jħossuhom mhux milqugħa għandhom. Bdew jsibuħ aktar fis-sodda.

Tgħid li darba kien nhar ta' Ħadd kienu marru jżuruħ u dak nhar ġiet ukoll bintu l-oħra Catherine u hemmhekk inqala diskors dwar wirt Carmelo b' Carmelo jgħidilhom li Rose u Leonard riedu li huma jitħallew sehmu minn ġidu. Inqala argument jaħraq li spiċċa sabiex Carmelo jitlaq mid-dar flimkien magħha u ma żewġa Joseph. Tgħid li fil-jiem ta' wara meta marru biex jiġbru xi ħwejjeg ta' Carmelo reġa inqala l-inkwiet bejniethom.

Ssostni li d-dar ta' Carmelo Schembri ma kientx mizmuma tajjeb tant li kien jeħtigielha li żewgha Joseph jdur l-bjut minħabba l-perkolazzjoni tal-ilma.

Finalment tgħid li matul ħajtu Carmelo kien ta' diversi affarijiet, inkluż flus, lill-konjugi Leonard u Rose Schembri; issostni li kien ukoll għen finanzjarjament permezz ta' donazzjoni.

**Fl-affidavit tieghu a fol 371 et seq Leonard Montebello** spjega li fl-1976 hu kien żżewweg lil Rose xebba Schembri bint Carmelo Schembri u minnufiħ marru jgħixu, kontra l-volonta tiegħu mal-ġenituri ta' martu peress li dawn kienu anzjani u martu kienet l-iżghar fost uliedhom u l-aħħar waħda li baqgħet d-dar. Jgħid li kienu indipendenti finanzjarjament biss martu kienet issajjar kemm għalih kif ukoll għal-ġenituri tagħha. Fid-dar kien jmidd idu għal-dak kollu li kien jingħalqa. Jispjega li l-kunjata Mariana Schembri kienet mardet meta huma kienu qed jgħixu magħhom u hu kien jgħin ħafna lilha fil-bżonnijiet kollha tagħha, kemm fiżiċi kif ukoll mediċi, hi mietet fl-1983. Jispjega li wara ċertu żmien kien qam xi disgwid bejnu u bejn ħut il-mara u kien ddeċieda li jmur jgħix għar-rasu biss, wara xi ġimgħat, martu marret tgħix miegħu u Carmelo baqa jgħix waħdu. Din s-soluzzjoni ma ħadmitx u ftit wara kien hemm ftehim li Carmelo jmur jgħix magħhom fid-dar tagħhom.

Jispjega li Carmelo d-dar ta' bintu kien għamilha tiegħu bl-attitudni tiegħu. Minkejja dan, hu dejjem ħa ħsiebu u fejn mar hu ħadu miegħu, meta xtara xi ħaga għalieħ jew għal-familja kien jixtri għal-Carmelo ukoll. Jikkonferma li hu kien jeħodlu ħsieb l-bżonnijiet kollha tiegħu,

ħajjiethom daret ma ħajjet Carmelo. Jispjega li Carmelo kien jgħati kontribuzzjoni ta' għaxar liri Maltin fil-gimgħa u fl-aħħar snin li għamel magħhom dawn kienu żdiedu għas-somma ta' ħmistax il-lira fil-gimgħa. Din l-kontribuzzjoni kienet intiża biex tkopri kollox, ilma, dawl, ikel, xorb, petrol ecc.

Jgħid li hu kien jinsisti li martu Rose kellha tiġi kkumpensata għal-dak kollu li għamlet miegħu u li Carmelo ma dan kien donnu qabel tant li talbu jieħdu għan-Nutar. Jgħid li xi jumejn qabel ma kellhom jmorru, Carmelo kien stqarr li ma jiflaħx u għalhekk ġabulu t-tabib biss wara li invistaħ ma kien sablu xejn ħażin. Kien irrakmanda li jgħamel xi jiem ta' mistrieħ. Il-ħadd ta' wara, waqt li kien ix-xogħol, martu kienet cemplitlu sabiex jmur d-dar għaliex kienu ġew ħuta kollha, ħaga li ma kienetx normali. Jgħid li wara li wasal sab ħafna argumenti u jidher li l-argumenti kienu dwar il-kumpens dovut lill martu. Sar xi diskors dwar dan ma l-istess Carmelo quddiem kull min kien preżenti ( Joseph, Grace u Francette Schembri u Katy u Gizelle Albani) biss il-kwistjoni ma kienetx riżolta. Riżultat ta' dan Joseph Scembri kien issuġerixxa li Carmelo jmur miegħu u dan fil-fatt hekk għamel. Ix-xhud jgħid li kien offiż bl' ingratitudni li kien wera l-istess Carmelo Schembri u qallu li kien ser jfittxu għal sa lanqas tazza ilma li kien xorob u r-risposta ta' Carmelo kienet li kien ser jitkellem dwar kif kien maħqur. Din il-frażi weġgħet lill-xhud. Minkejja li hu ma ried jgħati xejn mill-affarijiet li kellhom ta' Carmelo peress li hu kien qabad u telaq ta' fuqu senduqu, martu Rose meta hu ma kienx d-dar kienet qed tgħaddi l-affarijiet li kellu bżonn lill-ħuta. Jispjega li martu mardet ftit wara bl-inkwiet u tlett xhur u sitt ijiem wara li telaq Carmelo mid-dar tagħhom martu mietet. Carmelo Schembri ma kienx mar il-funeral ta' bintu.

**Fl-affidavit tieghu a fol 376 et seq Adrian Montebello** xhed li hu jiġi n-neputi ta' Carmelo Schembri. Jgħid li hu lilu dejjem magħhom jiftakru jgħix, jispjega li huma kienu jgħamlulu kollox saħansitra ommu kienet issajjarlu anki meta ma kelliex għalfejn issajjar għal-familja tagħha. Jgħid li l-penzjoni n-nannu kien jżommu huwa stess u lill ommu kien jħallila bejn tnax u hmistax il-lira maltin fil-ġimgħa fuq il-bank tal-kċina. Jispjega li fejn marru huma ħaduh dejjem miegħu. **Jispjega ukoll li huma kienu jmantnu d-dar li kellu n-nannu.**

Jgħid li minn mindu telaq minn darhom n-nannu qata kull kuntatt miegħu, jghid li anki meta mardet ommu u b'dan hija infurmat lill-missierha huwa xorta ma ġiex jaraha kif ma marx jaraha meta kienet l-isptar.

**Francesca Paris** a fol 360 ddikjarat li l-konvenut Carmelo Schembri kien in-nannu tagħha, missierha Joseph Schembri llum mejjet. Tiftakar li hi u żewgha kienu jmorru jaraw lill-Nannu Carmelo regolarment, l-ewwel f' darhom iz-Zejtun fejn magħhom kienu jgħixu ukoll Leonard u Rosa Montebello (Il-konvenut). Meta telqu għal ġo darhom Leonard u Rose Montebello tgħid li n-nannu kien għadu b'saħtu u ma riedx jmur jgħix maghhom, biss wara xi xhur hu ċeda għal-pressjoni mar jgħix magħhom, biss kien jqatta ħafna ħin id-dar tiegħu matul il-ġurnata.

Tispjega li kienet tmur iżżuru xi darbtejn fil-gimgħa matul iz-zmien li kien qiegħed jirrisjedi ġewwa d-dar ta' Leonard u Rose Montebello. Tgħid li fl-2006 bdiet taraħ imdejjaq u li l-attitudni ta' Leonard u Rose Montebello kienet inbidlet u ma kienetx tħossa milquha ġo darhom. Tgħid li darba waħda missierha, Joseph kien kkummenta li kien inkwetat fuq missieru.

Tgħid li darba waħda marru jżuruħ u Rose Montebello infurmathom li żewgha ma riedx li huma jidħlu jaraw lill-Carmelo meta l-istess żewgha ma kienx preżenti fid-dar, minkejja dan xorta ħallietna narawħ. Tgħidli dak il-ħin ġiet iż-żija tagħha Kitty taraħ u tgħid li n-nannu stqarr magħhom li Leonard Montebello kien qiegħed jgħamel pressjoni fuqu sabiex jiktiblu sehmu, biss in-nannu kien qal li rrifjuta.

Tispjega li dak il-hin wasal Leonard u inqala ħafna storbju u staqsew lill-Leonard għalfejn dan il-pandemonju u jekk riedx aktar manteniment fix-xahar, pero Leonard baqa jinsisti li n-nannu għandu jiktiblu sehmu fil-wirt. Tgħid li l-ġenituri tiegħu offrew li jieħdu lin-nannu d-dar tagħhom biss Leonard ddikjara li mingħajr Nutar ma kienx ser jaċċetta li Carmelo joħroġ minn daru. Tgħid li nannuha meta sema hekk ried jqum u jmur magħhom u wara aktar storbju dan eventwalment telaq jghix maghhom dak in-nhar stess.

Tispjega li ommha u missierha kienu jduru miegħu lejl u nhar u jgħamlu kollox li kien hemm bżonn, tisjir, tindif u servizzi domestiċi bażiċi oħra. Tispjega li hu miet fl-Lulju 2009 u qatta l-aħħar xahar ta' ħajtu l-isptar Mater Dei.

Ġiet eżebita, a fol 109 u 110 **dikjarazzjoni ta' Carmelo Schembri** li ġġib id-data 25 ta' Marzu 2006, ttajpjata biss ffirmata skond minn eżebiha, minn Carmelo Schembri. F'din id-dikjarazzjoni Carmelo Schembri jispjega li hu dar bihom (jigi miftiehem li dar b'Leonard u Rose Montebello mis-sens tad-dikjarazzjoni) għal-tmien snin meta kienu jgħixu fir-residenza tiegħu ġewwa z-Zejtun. Jispjega li hu kien jħallas għad-dawl u ilma, ħaxix kien jgib hu mill-għalqa li kellu, kien jieħu ħsieb it-tfal tagħhom. Qatt ma ħasluħ jew għaxrulu l-leħja. Jispjega li meta mar jgħix magħhom hu kien ħallashom LM40 fil-gimgha għal-sentejn, Lm12 fil-ġimgħa għal-tlett snin u spiċċa biex tagħhom LM15 fil-gimgħa.

Jgħid li tagħhom LM3130 meta bnew darhom u tagħhom polka apparti li jgħamlu użu mill-garage mingħajr ħlas. Spjega li ħadu *Grandfather Clock*, magna tal-ħjata u żewg buqari antiki u ma rritornawlux s-somma ta' LM300 li kienet miżmuma d-dar tagħhom.

Jgħid li telaq għaliex huma talbuħ jitlaq għaliex hu rrifjuta jċahhad lill-uliedu l-oħra mill-wirt. Jispiċċa biex jgħid li hu raġel ta' 93 u sehemhom tajulhom.

Ġie eżebit a fol 111 **affidavit iehor ta' Carmelo Schembri** li jġib id-data 30 ta' Marzu 2006 maħluf quddiem in-Nutar Reuben Casingena fejn kkonferma bil-ġurament tiegħu d-dikjarazzjoni magħmula minnu ftit jiem qabel fil-25 ta' Marzu 2006.

Ġie ezebit a fol 112 **affidavit iehor ta' Carmelo Schembri** li ġġib id-data 30 ta' Ottubru 2006 fejn iddikjara li oltre dak li kien ta' lill-Leonard u Rose Montebello u li kkonferma fl-affidavit tiegħu tat-30 ta' Marzu 2006 huwa kien tagħhom ukoll LM1000 biex xtraw salott, madwar tlett snin qabel kif ukoll LM 200 sabiex xtraw fregatina madwar erba snin qabel.

Fit-3 ta' Frar 2012 **xehdet Grace Schembri** li kkoreġiet x-xhieda tagħha mgħotija permezz ta' affidavit fejn ddikjarat li fil-fatt Marianna Schembri mietet fl-1984 u mhux fl-1982.

Fil-prospett tieghu, Leonard Montebello a fol 145 spjega l-pretenzjonijiet tiegħu mgħamula fil-kawza odjerna għall-ħlas ta' serviġi rezi ma' Marianna u Carmelo Schembri. It-talba hija għas-snin 1976 sal-2006. Hu spjega li qed jitlob kumpens ammontanti għas-somma ta' €34.94 kuljum konsistenti fis-segwenti :

Spejjes għal-tlett ikliet kulljum stmati fl-ammont ta' €13.98 kulljum.

Spejjes għal-akkomodazzjoni, konsum ta' dawl, ilma, ħasil ta' ħewjjeg, mgħodija u manutenzjoni tad-dar tiegħu li kienet vojta. Stmati fl-ammont ta' €13.98 kulljum.

Spejjes ghat-trasport meta kien jitwassal l-isptar, għand xi tabib, il-bank u qadi ieħor. Stmati fl-ammont ta' € 4.66 kull jum.

Spejjes għal-medikazzjoni, kura u għajnuna ohra, qtuh ta' xagħru, dwiefer u leħja. Stmati fl-ammont ta' € 4.66 kull jum.

**Grace Schembri** xhedet a fol 507 fuq ordni tal-Qorti. Hi spjegat li wara l-mewt ta' żewgha Joseph hi kienet qedgħa tiżbarazza xi kxaxen u hemm sabet id-dokument li eżebiet bhala parti mid-dok PF 5 immarkat bl-ittra X. Tgħid li żewgha qatt ma kien kelliemha fuq dan id-dokument, u li ma kienx inkiteb quddiema. Hi għarfet il-firma ta' Carmelo Schembri.

Spjegat ukoll li anki d-dokument li ezebiet bħala parti mid-dok PF 5 immarkat bl-ittra Y sabitu wara l-mewt ta' żewgha u li ma kienetx taf bl-eżistenza tiegħu

Mistoqsija jekk Carmelo kienx jimxi waħdu u minghajr għajnuna, rrispondiet li kellu bzonn *l-walking frame* biex jimxi u li mid-dar waħdu ma kienx joħroġ. Għand in-Nitar kienu ħadu ħsieb jieħduħ żewgha u oħtu Catherine, li mietet ukoll fil-frattemp. Tgħid li l-istat mentali ta' Carmelo Schembri kien tajjeb ħafna sa ftit qabel ma miet.

Ġie eżebit **affidavit ta' Mary Caruana** a fol 122 et seq, li spjegat li Rose Montebello tigi oħta. Spjegat li Rose u żewgha kienu għexu mal-ġenituri tagħha għal xi tnax il-sena u fl-aħħar ta' dik is-sena kienet mietet ommhom, li kienet marida u għamlet l-aħħar xhur fis-sodda kurata mill-aħwa kollha. Tispjega li wara dan, Rose u Leonard marru jgħixu d-dar ġdida tagħhom u wara ftit missierha Carmelo Schembri mar jgħix magħhom, minkejja li kien għadu f'saħtu tant li sa ma kellu 85 sena kien jinzel jahdem l-ghalqa. Tispjega li Carmelo dam madwar 19 il-sena jgħix ma' Rose u Leonard u hi ma tantx kienet tmur zzurhom. Tgħid li hi ma kienitx hemm meta tkeċċa żewġa. Tgħid li gol-post ta' missierha kienu qed jrabbu l-annimali u li kienu qedgħin juzaw ukoll il-garage tiegħu. Tgħid ukoll li wara li kien inqasam id-deheb ta' ommha, Leonard ma kienx kuntent bil-lot li mess lir-Rose u taf li xi jiem wara missierha ħa lill-Rose ġewwa ħanut tad-deheb u xtralha xi deheb biex tikkuntenta.

Ġie eżebit **affidavit ta' Gizelle Muscat** a fol 118 et seq, li spjegat li Rose Montebello tiġi ż-żija tagħha. Spjegat li ż-żija Rose u żewgha kienu għexu man-nanniet tagħha għal-xi tnax il-sena u fl-aħħar ta' dik is-sena kienet mietet n-nanna Marianna, li kienet marida u għamlet l-aħħar xhur fis-sodda kurata miż-żijiet kollha. Tispjega li wara dan, ż-żija Rose marru jgħixu d-dar ġdida tagħhom u wara ftit n-nannu Carmelo Schembri mar jgħix magħhom.

Tispjega li hi kienet tieħu lill-ommha ta' spiss tara lill Missierha u li ż-żijiet kienu ta' spiss jiġu d-dar tagħhom. Tgħid li ġieli semgħet lill żija Rosa tgħid li n-nannu qatt ma mexa ħazin magħhom.

Tispjega li darba f'Marzu 2006 kien cemplilhom ż-żiju Joseph Schembri fejn qal li lill-missieru Carmelo ma kienx qed jaraħ f'siktu. L-għadha marru jarawħ u hemm hekk tispjega li saret taf li Rose u Leonard Montebello ma ridux aktar jieħdu kura tan-nannu. Tispjega li aktar tard wasal Leonard Montebello u inqala t-tilwim peress li ma riedux aktar go daru. Tgħid li huma niżlu lin-nannu u ħadu miegħu ibnu Joseph Schembri.

Tisjega li xi żmien wara Ommha u ż-żiju Joseph kienu marru jiġbru xi ħwejjeġ, flus u dokumenti mingħand Rose u Leonard Montebello li kienu jappartjenu lill Carmelo Schembri iżda sabu biss

l-ħwejjeġ. Dak inhar ukoll inqala l-inkwiet tant li spiċċaw il-Qorti. Tispjega li n-nannu kien baqa indipendenti sa ftit ġimgħat qabel ma miet.

Wara l-mewt ta' Carmelo Schembri meta kienu iltaqgħu fuq il-wirt Leonard kien semma li ried il-kumpens għal-dak li għamel man-nannu.

**In-Nutar Rueben Casingena** a fol 506 li kkonferma iż-żewg affidavits ( wara li gie muri l-originali) li jiffurmaw parti minn dok PF 5 markati Y u Z kienu ġew iffirmati quddiemu. Hu ma jzommx kopji tal-affidavits għalhekk ma kienx jiftakarhom u lanqas min ġie miegħu sabiex gew iffirmati. Jikkonferma iżda li t-tipa tal-affidavits hija dik msejha Tornadi font 12 u din hija it-tipa li solitment juża hu. Spjega li peress li kien affidavit u mhux testment minkejja l-eta ta' Carmelo Schembri ma kienx talab ċertifikat mediku, biss, kieku raħ jħawwad ma kienx jirrediġi l-affidavit. Kkonferma li la hemm il-firma tiegħu kollox sar quddiemu fid-data li kien hemm imniżżel.

**In kontro eżami, a fol 502 et seq, Leonard Montebello** ddikjara li hu ma kienx jirċievi parti mill-penzjoni ta' Carmelo Schembri biss għad-dawl u ilma hu (Leonard) qatt ma ħallas. Jgħid li l-ikel dejjem tħallas minnu u minn martu anki dak li kien jiekol l-istess Carmelo Schembri. Jiddikjara li s-sommom li ssemmew fl-affidavits formanti parti mid-dok PF 5 hu qatt ma irvcevihom. Jikkonferma li meta gie joqgħod magħhom hu kien jivversalhom l-ammont ta' LM 10 fil-ġimgħa liema somma awmentat għal LM12 fil-ġimgħa xi zmien wara sa kemm giet awmentata għall LM 15 fil-ġimgħa lejn l-aħħar.

**In kontro eżami, a fol 498 et seq, Leonard Montebello** fejn kkonferma li dak li talab fil-prospett minnu eżebit kienet talba sa mill-1976 s-sena meta marru jgħixu miegħu. Paga dak iz-zmien kellu mal-LM15 kull jum u llum għandu €1100 fix-xahar.

Spjega li l-ammont li talab għat-trasport (tielet paragrafu tal-affidavit) jkopri l-ispejjes tal-ħin, u *leave* li ħa ukoll. Jgħid li hu qatt ma talab kumpens u dak li kien jgħatihom Carmelo Schembri kien min jeddu.Għamel din it-talba wara li ra lill-haddiehor jfittex l-interessi tiegħu. Ma jaqbilx li hu kien jippretendi li Carmelo Schembri jħalli l-wirt tiegħu kollu lill-familja tiegħu.

Is-serviġi li qed jitlob huma għal-perjodu bejn l-1976 sa kemm dam miegħu. Jikkonferma li inkluż fit-talba hemm ukoll kumpens mitlub għal-dak li għamel ma martu Marianna Scehmbri.

Ma qabilx li ħut il-mara kienu jgħinu għajr għall-ahhar ftit xhur, fil-kura ta' Marianna Schembri.

Jgħid li hu ried li martu tiġi ppreferita fuq huta ghal dak kollu li għamlet ma' missierha u kif esprima dan il-hsieb xi jumejn wara gew uliedu l-oħra u ħaduh.

**In kontro eżami, a fol 494/5, Adrian Montebello** spjega li *pocket money* in-nannu lilu qatt ma taħ. Jiddikjara li diskors fuq kumpens jew aktar kumpens hu qatt ma sema' minn ħadd. Jikkonferma li Carmelo Schembri kien jħallihom jużaw id-dar u l-garaxx tiegħu, u li l-garaxx kien għadu jintuża sa dak nhar tax-xhieda.

**In kontro eżami, a fol 492 et seq, ta' Jonathan Montebello** jispjega li hu ma kienx d-dar dak nhar li nannuh Carmelo Schembri telaq mid-dar tagħhom, jgħid li ommu kienet talbet xi flus u ma kienx hemm qbil. Jikkonferma li n-nannu tiegħu kien jikkontriwbixxi s-somma ta' LM 15.00 kull gimgħa, għal bosta snin. Jgħid li l-fire place għamlu missieru u sa fejn jaf hu n-nannu ma kienx ħallas għal-xi xogħolijiet ġewwa d-dar tagħhom. Jikonferma li sa kemm dam id-dar kien baqa jimxi ftit biss fit-tul kien juża siġġu tar-roti. Mistoqsi dwar il-penzjoni tan-nannu ma jafx dettalji.

**In kontro eżami, a fol 488 B et seq, Giselle Muscat** tikkonferma li meta n-nanna kienet marida ommha u ħuta kienu jmorru jgħinu liż-żija Rose peress li kienu qedgħin jgħixu magħha. Ma tafx li kien n-nannu stess li għazel li jmur jgħix maż-żija tagħha Rose. Tiftakar li kienet Rose stess li qaltilha li żewgha ma riedx jżomm aktar lin-nannu għandhom. Tispjega li dak nhar li telqu bin-nannu ħwejjeg ma kienux ħadu magħhom

**In kontro eżami Mary Caruana, a fol 489 et seq,** spjegat li missiera kien mizzewweġ tlett darbiet, kellu wild li miet mill-ewwel żwieg, kellu tnejn mit-tieni żwieg u erbgħa mit-tielet żwieġ. Tispjega li hi ma kelliex relazzjoni mill viċin ma missiera u ma kienetx involuta fid-

deċizjoni li hu jmur jgħix ma ħuta.Tikkonferma li Leonard (l-attur) u martu Rose damu mat-12 il-sena jgħixu għand il-ġenituri tagħha. Tikkonferma li l-aħħar tlett snin hu kien qattagħhom jgħix ma ibnu Joseph Schembri.

**In kontro eżami Grace Schembri, a fol 488 et seq,** li kkonferma li Carmelo Schembri kien jgħati anki lilhom xi ħxejjex mill-għalqa tiegħu. Tikkonferma li meta Carmelo Schembri telaq mid-dar ta' Rose kellu 95 sena u wara dak nhar il-kuntatt ma Rose u Leonard kien inqata. Tikkonferma li għal-ħajja lilha kien jgħatiha madwar tletin ewro fil-gimgħa.

**Fuq mistoqsijiet tal-Perit legali** lill-partijiet irriżulta li meta telaq mid-dar ta' Leonard u Rose kien jimxi bil-bastun u li għal-ħasil personali tiegħu kien jmexxi waħdu. Sa kemm miet kien baqa mobbli tenut kont l-eta tieghu. Il-penzjoni kien ħada meta kellu madwar 60 sena. L-eredita ta' Carmelo Schembri għadha suġġetta għal-likwidazzjoni.

**Grace Schembri,** a fol 487, xhedet fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti. Hi kkonfermat li Carmelo Schembri, missier ir-ragel tagħha, kien jgħix magħhom ġewwa Marsaxlokk għal perjodu ta' ftit aktar minn tliet snin qabel ma miet. Tispjega li kien ġie jgħix magħhom madwar tliet xhur qabel ma mietet bintu, Rose Montebello, oħt ir-ragel tagħha, li kienet mietet fit-12 ta' Gunju 2006. Tispjega li meta kien qiegħed jghix magħhom Carmelo Schembri, huma kienu jieħdu ħsieb kollox, ad esklużjoni tal-familja ta' Rose Montebello.

A fol 485, **Leonard Montebello** xhed fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Dwar il-kumpens li vversa Carmelo Schembri lilu u/jew lil martu matul it-tletin sena li dam jgħix magħhom ikkonferma li dan kien jgħaddilhom is-somma ta' ħmistax-il Lira Maltin (Lm15.00) fil-ġimgħa. Dan l-ammont qatt ma żdied. Jispjega li fil-ġimgħa ta' qabel ma ttieħed mid-dar tagħhom, Carmelo Schembri kien bagħtu għand in-Nutar Peter Carbonaro sabiex jiffissa appuntament għal nhar ta' Ħadd filgħodu għaliex kellu jiktiblu xi ħaga għaliex il-kumpens kien rahħ baxx.

**In-Nutar Peter Carbonaro**, xhed a fol 480 u, ddikjara li hu jiftaħ l-uffiċċju tiegħu ġewwa z-Zejtun anke nhar ta' Ħadd filgħodu, ma jiftakarx lil Carmelo Schembri, biss jagħraf lill-attur Leonard Montebello. Ma jistax jiftakar jekk kienx ta appuntament lil Leonard Montebello sabiex

jieħu għandu lil Carmelo Schembri xi darba l-Ħadd filgħodu, biss ma jiftakarx fuq xiex kellu bżonn jaraħ Carmelo Schembri u ma jeskludi xejn.

Adrian u Jonathan Montebello eżebew ċertifikat tal-mewt ta' Carmelo Schembri (Dok CS), kif ukoll riċerki testamentarji (CS1 u CS2) li minnhom jirriżulta li Carmelo Schembri ħalla bħala eredi universali tiegħu lil uliedu Katerina Albani u Joseph, aħwa Schembri mill-ewwel żwieġ u lil Concetta Atanasio, Carmelo, Maria Caruana u Rose ukoll aħwa Schembri mit-tieni żwieg. Dawn id-dokumenti ġew eżebiti bil-għan li t-talba ta' Adrian u Jonathan Montebello li jiġi dikjarat li Carmelo Schembri ħalla bħala l-eredi universali tiegħu lil uliedu Katerina Albani u Joseph, aħwa Schembri mill-ewwel żwieg u Concetta Atanasio, Carmelo, Maria Caruana u Rose, ukoll aħwa Schembri mit-tieni żwieġ ikunu dikjarati bħala konvenuti fil-kawża odjerna.

Grace Schembri eżebiet ċertifikat tal-mewt ta' Carmelo Schembri (Dok A), ċertifikati li juru li Carmelo Schembri miet testat (Dok B u Dok C), l-aħħar testment ta' Carmelo Schembri datat 30 ta' April 1968 (Dok D) fejn id-decuius ħalla bħala eredi universali tiegħu lill-uliedu Katerina Albani u Joseph aħwa Schembri mill-ewwel żwieġ u Concetta Atanasio, Carmelo Schembri, Maria Caruana u Rose ukoll aħwa Schembri mit-tieni żwieg, ċertifikat tal-mewt ta' Guzeppi sive Joseph Schembri, żewg l-istess Grace Schembri (Dok E), ċertifikati li juru li Joseph Schembri miet testat (Dok F u Dok G) u l-aħħar testment ta' Joseph Schembri (Dok H) fejn id-decuius istitwixxa lil Grace Schembri bħala l-unika eredi universali tiegħu; dawn kollha gew eżebiti bil-għan li t-talba li l-ġudizzju għandu jigi trasfuż fil-persuna ta' Grace Schembri tiġi milqugħa.

Fid-9 ta' Mejju 2013 ġie eżebit aġġiunta testamentari mgħamul in atti Nutar Mark Cutajar datat 2 ta' Lulju 2008 fejn Carmelo Schembri ħalla bħala prelegat sesta parti (1/6) indiviża mid-dar numru 33 fi Triq Beland, Zejtun. Dok CG 1.

Fl-4 ta' Dicembru 2013 ġew ippreżentati Dok GM 1 u GM 2 konsistenti f'żewġ dikjarazzjonijiet notarili, waħda wara l-mewt ta' Katerina Albani u d-dikjarazzjoni li l-eredi tagħha kienu ż-żewg uliedha fi kwoti ndaqs bejniethom, senjatament Maria Josephine sive Giselle Muscat u Louis Albani; u t-tieni waħda dikjarazzjoni *causa mortis* wara l-mewt ta' Carmelo Schembri fejn ġew dikjarati bħala eredi universali uliedu Maria Concetta sive Cetta mart Joseph Atanasio, Carmelo,

Maria mart Anthony Caruana u Rosa sive Rosie mart Leonard Montebello, ilkoll aħwa Schembri.

Fil-11 ta’ Dicembru 2013 ġie ppreżentat Dok GS 01 konsistenti fl-istess dikjarazzjoni *causa mortis* wara l-mewt ta’ Carmelo Schembri, din id-darba magħmula minn Joseph Schembri, iben l-istess Carmelo Schembri.

F’dan l-istadju l-konvenuti, permezz ta’ rikors ipprezentat minnhom fl-14 ta’ Mejju 2014, ressqu eccezzjoni ulterjuri ta’ preskrizzjoni, liema eccezzjoni giet awtorizzata minn din Qorti.

**Ikkonsidrat:**

Il-Perit Legali spiega li l-kwistjoni kollha tirrivolvi dwar it-talba ghas-servigi prestati li jaqghu parti mill-istitut gudizzjarju tal-kwazi kuntratti. Tajjeb li naraw, qabel aktar konsiderazzjonijiet kif din il-kwistjoni giet trattata fil-gurisprudenza nostrana.

Sa minn tmiem is-seklu l-ieħor il-Qrati tagħna kienu ġja rrikonoxxew dan id-dritt, li persuna jiġi kkumpensat għal-servizzi resi lill-terzi. Kien hemm żmien meta kien dibattut jekk għandux jitħallas meta hemm stretta parentela (**Ester Farrugia et v Nutar Carmelo Farrugia 14/02/1938 u Paolo Muscat v Maria Rosaria Camilleri 27/03/1950**) iżda fl-aħħar snin il-pozizzjoni li ħadu l-Qrati tagħna kienet dejjem waħda favur il-ħlas għas-servizzi rezi jekk ma jirriżultax ben ċar li l-ħlas għalijhom kien ġie rinunzjat.

Hekk fil-kawża **Debono v Portelli** (22.10.1954 – Vol XLIX – PI.p181) kien intqal:

> ***bejn l-attriċi u l-benefiċċjarja kien hemm rabta ta’ parentela stretta. Pero dan il-fatt waħdu ma għandux jkun ta’ xkiel għat-talba tal-attriċi għal-kumpens. Hu aċċettat illum li l-prinċipju li għandu japplika hu li* omne labor optat premium *fejn jirriżulta – anki bejn il-qraba. Illi serviġi rezi jmorru oltre dak li wieħed normalment jistenna li jippresta. Il-gurisprudenza ma għandiex issegwi d-dottrini li s-serviġi rezi bejn qraba jippresupponi li jingħataw* petatis vel familiartatis causa.**

***Ir-regola segwita mill-gurisprudenza reċenti hi li s-serviġi jiġu ritenuti prestati bl speranza ta' kumpens jekk ma jikkonkorrux ċirkostanzi tali li jiġġustifikaw konkludentement il-gratwita sia pure minħabba relazzjonijiet ta' parentela.***

***… Il-kumpens huwa prezunt sakemm il-konvenuti ma jippruvawx li ġie eskluż a favor tal-gratwita.***

Fil-kawza **Giuseppi Borg v Emanuel Azzopardi** (1301/1995 deċiza 19.05.2005) il-Qorti kienet qalet:

***Huwa stabbilit li l-bazi ta' azzjoni ghal-servizzi moghjtija triegi fuq zewg sisien; jigifieri fuq il-kwazi kuntratt u fuq il-prezunzjoni li min jgħati servizz lil ħaddiehor jgħamel hekk bil-fehma li jitħallas ta' dak li jagħmel.***

***Minbarra dan, ilu zmien twil aċċettat li l-ħlas ta' serviġi jista jkun dovut mhux biss jure actionis. Jigifieri meta huwa miftiehem, imma wkoll office judis, jigifieri meta miċ-ċirkostanzi jkun jidher sewwa li min ta' dak is-servizz ried li jitħallas tiegħu jew kien imwiegħed ħlas għalih. …. Illi biex titwaqqa' l-preżunzjoni li serviġi nghataw gratwitament, jeħtieg li min jallega li x-xoghol sar b'xejn irid igib provi tajbin u konvinċenti bizzejjed biex jwaqqagħha.***

Fil-kawża fl-ismijiet **Victoria Azzopardi vs Emanuel Azzopardi** (24/05/1989) il-Qorti tal-Appell ddikjarat fis-sentenza li ħadd mhu preżunt li ppresta serviġi lill ħaddiehor anke jekk dan jkun familjari u dan mingħajr ħsieb li jitħallas tagħhom u fuq din il-gurisprudenza hija kostanti u unanima.

Vide ukoll **Guiseppina Deidun v Emilia Poggi et** (PA 6 ta' Ottubru1954) **Elizabeth Vassallo vs Francoise Sutana** (App Kum 11 ta' Frar 1974) u **Mary Grace Attard et v Rosario Attard** (13 ta' Ottobru 1989).

In vista tal-fatt li l-konvenuti ressqu eċċezzjoni ulterjuri dwar il-preskrizzjoni fl-istadju aħħari tal-kawza odjerna, l-Perit Legali ghadda sabiex jikkunsidra din l-eċċezzjoni qabel kunsiderazzjonijiet dwar il-mertu peress li, di natura proprja, din l-eċċezzjoni tista toqtol l-azzjoni kollha.

Il-konvenuti ssollevaw il-preskrizzjoni cinkwennali a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenuti ssollevaw ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom l-argument li dan il-perjodu ta' ħames snin għandu jitqies bħala perjodu ta' dekadenza, *ergo* mhux kapaċi li jiġi interrott permezz ta' xi att ġudizzjarju.

Dwar il-kwistjoni jekk il-perjodu hux wieħed ta' dekadenza jew preskrittiv, l-Perit Legali ghamel riferenza għal diversi sentenzi, uħud minnhom ġja hawn fuq ċitati, fejn Qrati Maltin irreferew għal dan il-perjodu bħala wieħed ta' preskrizzjoni kapaci li jigi interrott mhux biss permezz ta' att ġudizzjarju, iżda wkoll permezz ta' rikonoxximent da parti tad-debitur fit-testment tiegħu tal-kumpens dovut.

F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet *Maria Lourdes Brincat vs. Giuseppe Brincat et* tas-17 ta' Marzu 2010, fejn il-Qorti stabbiliet li:

> ***M'hemmx dubju illi għal kreditu ta' din ix-xorta hija applikabbli l-preskrizzjoni ta' hames (5) snin ikkontemplata mill-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, Kap. 16 …***
> ***Huwa risaput illi l-preskrizzjoni tisfa interrotta kull darba li d-debitur jirrikonoxxi d-dritt tal-kreditur tiegħu u li kontra tiegħu tkun bdiet timxi l-preskrizzjoni. Huwa risaput ukoll li, fil-każ li t-terminu tal-preskrizzjoni jkun diga' ddekorra, ir-rikonoxximent tad-debitu jekwivali għal rinunzja ghall-effetti tal-preskrizzjoni. Għandu jingħad ukoll illi l-interruzzjoni, kif ukoll ir-rinunzja, għall-preskrizzjoni, javverraw ruhhom ukoll meta r-rikonoxximent ma jkunx sar fil-konfront ta' dejn likwidu.***

Ghalhekk il-kwistjoni dwar il-preskrizzjoni u d-dekadenza hija waħda ċara u determinata mill-Qrati Maltin – il-perjodu huwa ta' preskrizzjoni u mhux wieħed ta' dekadenza.

Dwar il-kwistjoni ta' minn meta skatta l-perjodu preskrittiv fir-rigward tat-talbiet attriċi, l-Perit Legali sostna li b'applikazzjoni tal-prinċipju fuq ċitat li rikonoxximent permezz ta' testment jinterrompi l-preskrizzjoni, ir-rikonoxximent tad-debitur ta' xi kumpens dovut lil dawk li jkunu qiegħdin jipprestaw is-serviġi, permezz ta' pagament jew xort'oħra, ugwalment jinterrompi l-perjodu preskrittiv.

Fil-każ odjern, Carmelo Schembri kien qiegħed jeffetwa pagamenti fil-ġimgħa sakemm ġie biex jitlaq mid-dar għall-ħabta ta' Marzu 2006. L-effettwar ta' dawn il-pagamenti huwa fatt li ma ġiex ikkontestat mill-konvenuti. L-Perit Legali sostna li dawn il-pagamenti kkostitwixxew rikonoxximent tal-kumpens dovut għas-serviġi reżi u għalhekk interrompew il-perjodu preskrittiv, dan lil'hinn mill-fatt, f'dan l-istadju, jekk l-ammont imħallas kienx wieħed adegwat jew le.

Isegwi għalhekk li meta Carmelo Schembri waqaf iħallas dawn il-pagamenti beda jiddekorri l-perjodu preskrittiv għall-aħħar darba. In vista tal-fatt li r-rikors ġuramentat tar-rikorrenti ġie ppreżentat minnhom fl-2007, **ossia sena wara li dawn il-pagamenti waqfu, jirriżulta li l-perjodu preskrittiv ta' ħames snin ma kienx laħaq iddekorra u għalhekk l-azzjoni tar-rikorrenti mhix preskritta.**

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Agnes Farrugia et vs. Anthony Camilleri*** *et*, il-Qorti diversement presjeduta tad-29 ta' Frar 1996, elenkat is-segwenti bħala r-rekwiziti ta' azzjoni ta' din ix-xorta bħala:

1. ***Li l-attriċi effettivament irrendiet tali serviġi;***

2. ***Li għamlet dawn ix-xogħolijiet bi ħsieb ta' kumpens anke jekk dan mhux neċessarjament kien l-unika motivazzjoni;***

3. ***Li s-serviġi pprestathom mhux sempliċiment għax imqanqla b'motivi ta' kompassjoni jew affett familjari;***

4. ***Li l-persuna servuta kienet irrikonoxxiet f'xi zmien u b'xi manjiera illi s-servizzi kienu tali li jisthoqqilhom kumpens;***

5. ***Li l-kumpens dovut ikun kommensurabbli mal-mezzi tal-persuna li bbenefikat mill-istess serviġi.***

Fir-rigward tal-ewwel rekwiżit, jinghad li mhux ikkontestat mill-konvenuti li dawn is-serviġi effettivament gew reżi, liema fatt kien ukoll rikonoxxut mill-persuna servuta permezz tal-pagamenti effetwati minnu.

Fir-rigward tat-tieni u t-tielet rekwiziti, l-Perit Legali ghamel riferenza ghall-kazistika fuq citata fejn gie stabbilit li huwa prezunt li min irendi serviġi, irendihom bi skop jew aspettattiva ta' hlas sakemm ma jkunx hemm prova kuntrarja. Ghalhekk f'dan il-kaz l-Perit Legali, fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, kkondkluda li s-serviġi ġew reżi bl-aspettattiva ta' kumpens u ma kienux biss motivati b'motivi ta' kompassjoni jew affett familjari.

Fir-rigward tar-raba' rekwizit, l-Perit Legali qis li l-pagamenti magħmula mill-persuna servuta kienu jikkostitwixxu rikonoxximent ċar u inekwivoku tal-fatt li tali serviġi kien jistħoqqilhom kumpens.

Finalment, fir-rigward tal-ħames rekwizit, l-Perit Legali kien tal-fehma li dan għandu jiġi stabbilit b'riferenza għall-provi li nġabu, għad-dħul finanzjarju tal-persuna servuta kif ukoll tenut kont il-kedda u tbagħtija involuta fis-servizzi rezi. Għandu jiġi kkunsidrat ukoll il-grad ta' ħila jew speċjalizzazzjoni meħtieġa għas-serviġi li ngħataw, kif ukoll jekk fl-għoti tas-serviġi l-persuna tkunx daħlet fi spejjez jew infieq minn butha.

Dwar id-dħul ta' Carmelo Schembri ħlief il-pensjoni ma tressqet l-ebda prova. Hu miet ta' eta' avvanzata disa u sebgħin sena (97) u ma jirriżultax li kellu l-dħul ieħor għajr għall-pensjoni. L-Perit kkonkluda fin-nuqqas ta' provi oħra, hu strah fuq il-pensjoni ta' Schembri bhala l-uniku dhul tieghu.

It-tip ta' servizzi prestati ma kinux ta' natura speċjalizzata u/jew ta' skariġġ partikolari. Mix-xħieda miġbura jirriżulta li Carmelo Schembri kien mobbli, ta' l-anqas bl-għajnuna ta' *walking frame,* sa l-eta avvanzata tiegħu, ma kienx partikolarment marid għajr għal kundizzjonijiet normali li jispettaw persuni tal-eta' tiegħu, jiġi rilevat li sa meta ġie biex jitlaq mid-dar tar-rikorrenti, huwa kien għadu jimxi.

Hu minnu li bejn l-atturi u l-intimat kien hemm relazzjoni ta' parentela stretta iżda, kif irrizulta waqt il-kawża, iżda, kif ċitat aktar il-fuq, dan il-fatt waħdu mhuwiex biż-żejjed sabiex wieħed ma jiġiex kumpensat għaliex *omne labor optat premium.*

Dwar it-talba għal kumpens, l-atturi talbu kumpens fl-ammont ta' €34.94 kuljum konsistenti fis-segwenti :

- Spejjes għal-tlett ikliet kull jum stmati fl-ammont ta' €13.98 kulljum.
- Spejjes gal-akkomodazzjoni, konsum ta' dawk, ilma, ħasil ta' ħwejjeġ, mgħodija u manutenzjoni tad-dar tiegħu li kienet vojta, stmati fl-ammont ta' €13.98 kulljum.
- Spejjes għat-trasport meta kien jitwassal l-isptar, għand xi tabib, il-bank u qadi ieħor, stmati fl-ammont ta' € 4.66 kull jum.
- Spejjes għal-medikazzjoni, kura u għajnuna oħra, qtuh ta' xagħru, dwiefer u leħja, stmati fl-ammont ta' € 4.66 kull jum.

Dan l-ammont jlaħħaq il-mitejn u sittin ewro fil-gimgħa (€260) u l-ammont ta' elf, mija u tletin ewro (€1130) fix-xahar. Ammont li jeċċedi l-pensjoni li kien jirċievi l-persuna servuta.

L-Perit Legali kien tal-fehma fl-ewwel lok li l-atturi kellhom l-obbligu li jitolbu aktar ħlas mill-istess Carmelo Schembri jekk ma kienux kuntenti bl-ammont li fiż-żmien kien qiegħed jivversalhom bħala serviġi. Għalhekk jikkonkludi li t-talba għas-serviġi hija marbuta biss mis-sena 2001 'il quddiem għaliex qabel dak il-perjodu, la darba aċċettaw dak li kien qiegħed jingħata lilhom u ma ressqu l-ebda ilment, dan għandu jitqies li jew kien adegwat jew illum it-talba minħabba n-nuqqas ta' adegwatezza ta' ħlas għal dak il-perjodu hija preskritta.

L-ammont mħallas, ta' Lm15 (circa €35.00) fil-gimgħa tlaħħaq l-ammonta ta' €140 fix-xahar. Jrid jinżamm ukoll fil-kalkolu s-sottomissjoni li l-atturi kienu qedgħin jibbenifikaw minn użu tal-garaxx u tad-dar appartenenti lill- Carmelo Scembri matul dan il-perjodu. L-Perit legali fehem li dawn ilkoll għandhom valur intrinsiku li għandu jittiehed in konsiderazzjoni. Bla dubbju ta' xejn jekk wieħed kellu jikri garaxx kien ser jħallas minimu ta' sitt mitt ewro(€600.00) fis-sena u għal-giardina inkluż biex jrabbi l-fniek l-istess ammont bħala minimu, cioe' sitt mitt ewro (€600.00) fis-sena. Dan jfisser li ai fini ta' dan l-eżerċiżżju u ai fini ta' din il-kawża ser jiġi kkalkolat li Carmelo Schembri kien qiegħed jħallas l-ammont ta' mitejn u erbgħin ewro (€240) fix-xahar bħala serviġi lill-atturi.

Meta wieħed janaliżża t-talba rikorrenti, l-ammont ta' €13.98 ewro kull jum għal dawl u ilma, ħasil ta' ħwejjeġ, mgħodija u manutenzjoni tad-dar tiegħu, hu ammont aktar milli misthoqq. Tenut kont li l-ħwejjeġ ma jinħaslux aktar minn darba fil-ġimgħa, l-mgħodija qedgħin nitkellmu ta' ħwejjeġ ta' persuna ta' eta avvanzata li kellu, ma jistax jkun hemm ħafna, manutenzjoni ma nġabet l-ebda prova, u dawl u ilma naturalment li għalihom ġew inkorzi spejjes. Dwar dawn ta' l-aħħar, minkejja li mhumiex irħas, l-infieq huwa limitat għal-kamra tiegħu u l-użu tiegħu. L-ammont ta' hames ewro (€5) kull jum huwa kumpens raġjonevoli.

Meta wieħed janaliżża t-talba rikorrenti, l-ammont ta' €13.98 ewro kull jum għal ikel, hawn ukoll qiegħed jitqies li l-ammont mitlub hu aktar minn misthoqq. Jekk wieħed jikkalkola li fil-verita jkun hemm ikla wahda maġġjura kull jum għal-persuna ta' dik l-eta, l-ammont ta' sitt ewro (€6) jkun jista jiekol platt diċenti kull jum bil-kolazzjon u xi ħaġa ta' l-ikel fil-għaxija.

Meta wieħed janaliżża t-talba rikorrenti, l-ammont ta' €4.66 ewro kull jum għal trasport, wieħed jrid jistaqsi kemm il-darba, persuna ta' dik l-eta kellha bżonn dak il-ġiri. Huwa aktar realistiku li wieħed jaggruppa l-ġiri u joħrog darbtejn fil-gimgha milli kull jum. Għalhekk il-kumpens mitlub għandu jkun limitat għal-jumejn fil-ġimgħa, komplessivament €9.32.

Dwar il-mediċini u spejjes oħra l-Perit dehrlu li dawn ma gewx sodisfacentement ppruvati u dan għaliex, apparti l-fatt li ma inġabu l-ebda riċevuti ta' dan l-infieq jew tal-anqas estratt li jindika l-

veraċita tal-ispiża mitluba, jekk verament kien hemm dan l-infieq bla dubbju ta' xejn dawn kienu, bħala regola, jinħargu mill-pensjoni tal-istess Carmelo Schembri, diffiċili jitwemmen li kienu qedgħin jintefqu, b'mod regolari, mingħajr talba għal risarċiment minn għandu, speċjalment meta jirriżulta li kien koerenti u mentalment tajjeb ħafna. Dan huwa dedott ukoll mid-dikjarazzjonijiet li ghamel, meta telaq mingħand ir-rikorrenti, quddiem in-Nutar Casingena li l-Perit kellu opportunita li jisemgħu jixhed u jikkonferma dak dikjarat.

Għalhekk fl-opinjoni tal-Perit l-ammont li huwa ġust, tenut iċ-ċirkostanzi kollha, bħala serviġi jammonta għas-somma ta' €348.05 fix-xahar. Dawn għandhom jigu kkalkolati minn Marzu 2002 il-quddiem minħabba l-perjodu preskrittiv ta' ħames snin.(Il-kawza infetħet f' Marzu ta' l-2007). Minn dan il-perjodu d-debitur għex erba snin mal-atturi u għalhekk l-ammont li għandu jħallas għas-serviġi jammonta għas-somma ta' €16,706.04 li minnhom għandhom jitnaqqsu l-ħlasijiet li saru fl-istess perjodu kif fuq elenkat aktar il-fuq, ammontanti għas-somma ta' €240.00 fix-xahar, ammontanti matul dan l-istess perjodu komplessivament għas-somma ta' €11,520.00.

Fil-fehma tal-Perit Legali, l-ammont ta' serviġi pendenti lill-atturi għas-servizzi prestati lill-Carmelo Schembri u li għalihom l-istess atturi ma gewx kumpensati jammonta għas-somma ta' hamest elef, mija, sitta u tmenin ewro u erba' centezmi (€5186.04).

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti filwaqt illi tikkondividwa mal-hsieb u konkluzzjonijiet legali raggunti mill-Perit Legali, takkoljhom u taghmilhom taghha, ma tistax tikkondividi mal-konteggi li ghamel u l-maniera ta kif wasal ghalihom.

Dan qieghed jighad ghaliex ghalkemm din il-Qorti tista tifehem kif wasal ghal cifra konservattiva ta' tlett mija tmienja u erbghin ewro u hames centezmi (€348.05), fix-xahar bhala l-ammont ta' servigi rezi mar-rikorrenti u mara tieghu, ma tistghax tikkondividi mal-maniera ta kif wasal ghal hlas da parti tal-mejjet Carmelo Schembri ta' mitejn u erbghin ewro (€240) fix-xahar.

Il-Qorti tifhem, wara li gharblet bir-reqqa x-xhieda voluminuza ta' dan il-process, illi Carmelo Schembri beda biex jaghtih ghaxar liri Maltin (Lm10) fil-gimgha, u man man, mal-medda ta' zmien, awmenthom ghal tnax-il lira Maltin (Lm12) fil-gimgha u fl-ahhar ftit snien beda jaghti hmistax-il-lira Maltin (Lm15) fil-gimgha.

Ghalhekk il-Qorti ghandha tiehu media ta tnax-il lira Maltin (Lm12) fil-gimgha li jfisser tmienja u erbghin liri Maltin (Lm48) fix-xahar jew mija u hdax-il ewro u erbgha u tmenin centenzu (€111.84) fix-xahar, li, fuq medda ta erbgha snin jammonta ghal hamest elef tlett mija u tmienja u sittin ewro u tnejn u tletin centezmu (€5368.32).

Ghal rigward tal-uzu mir-rikorrenti tal-*garage* tal-intimat, (il-mejjet Carmelo Schembri) mir-rikorrenti, il-Qorti ma tista bl-ebda modd takkolji c-cifra ta' sitt mitt ewro (€600) fis-sena biex din tinghadd arbitarjament mac-cifra tal-hlas maghmul minn Carmelo Schembri. Il-Qorti taghraf illi din ic-cifra ma tohrogx mill-provi prodotti mill-kontententi, ebda Estate Agent jew Perit ma gie prodott biex jipprovdi stima ta valur lokatizzju ta' *garage* fid-distrett ta' Carmelo Schembri fiz-zmien rilevanti.

Wisq anqas ma tista takkolji sitt mitt ewro (€600), fis-sena ghat-trobbija ta' fniek fil-gardina tad-decujus, mill-liema fniek kien jiekol ukoll l-istess Schembri.

Di piu hemm provi illi Leonard Montebello kien jiehu hsieb tal-manutensjoni tad-dar ta' Schembri tul dawn is-snien kollha u dan li altru li jikkonpensa ghat-trobbija ta' fniek u. ghal uzu ta' *garage* li, ghall-fin dei conti, c-cwievet tal-istess *garage* kellu ukoll l-intimat Joseph Schembri, (llum mejjet).

Illi ghalhekk il-Qorti tqis illi s-servigi rezi mir-rikorrenti u martu kienu fl-ammont ta' tlett mija u tmienja u erbghin ewro, u hames centezmi (€348.05) tax-xahar ghal erba snin, jfisser li l-ammont globali ta' servigi rezi huwa ta' sittax-il elf u seba' mija u sitt ewro u erba' centezmi (€16.706.04), minn dan l-ammont jrid jitnaqqas l-flus li Carmelo Schembri kkontribwixxa ghal ghexin tieghu u cioe mija u hdax-il ewro u erbgha u tmenin centenzmu (€111.84) fix-xahar ghal

erba snin, li jammonta ghal hamest elef, tlett mija u tmienja u sittin ewro u tnejn u tletin centezmu (€5368.32).

€16,706.04 –
€  5,368.32
€11,337,72

Ghalhekk l-ammont globali ghas-servigi rezi u dovuti huwa dak ta' hdax-il elf, tlett mija, u sebgha u tletin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€11,337.72).

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti, tichad l-eccezzjoni ulterjuri tal-intimati dwar preskrizzjoni, tichad l-ewwel u t-tmint eccezzjoni, tichad parzjalment l-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimati, tilqa parzjalment l-ewwel talba tar-rikorrenti, tillikwida il-kumpens dovut fis-somma ta' hdax-il elf, tlett mija, u sebgha u tletin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€11,337.72) u tikkundanna lil-konvenuti jhallsu lir-rikorrenti s-somma likwidata ta' hdax-il elf, tlett mija, u sebgha u tletin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€11,337.72).

Bl-ispejjes kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**